MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 248/2015

**Middlesea Insurance plc**
**(C-5553)**

**vs**

**Zammit Luke**
**(ID0002889-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-pretensjoni tas-Socjeta' rikorrenti tirrigwarda l-ammont ta' elf, hames mija u sebgha u disghin ewro, disgha u tmenin centezmu (€1,597.89c) dovut mill-intimat ghar-ragunijiet illi huma spjegati f'dana l-att;

Illi r-rikorrenti kienu jassikuraw il-vettura LCL-154, proprjeta’ ta’ Marco Zammit, taht polza t’ assikurazzjoni numru P21049791, tat-tip *comprehensive* (COMP);

Illi fl-14 ta’ Mejju, 2012 Marco Zammit ippermetta lill-intimat, li dak iz-zmien ma kellux licenzja tas-sewqan – illi jaghmel uzu mill-imsemmija vettura li kienet biss tkopri l-uzu ta’ dik il-vettura minn Marco Zammit. Illi dak inhar tal-incident l-intimat kellu incident tat-traffiku mal-vettura LQZ-243 proprjeta’ ta’ Meli Car Rentals Limited u assikurata mas-Socjeta’ Atlas Insurance PCC Ltd u kkawza hsarat fis-somma ta’ disa’ mija, tmienja u ghoxrin ewro, disgha u hamsin centezmu (€928.59c);

Illi b’decizjoni arbitrali tal-4 ta’ Marzu, 2014 fil-proceduri t’ Arbitragg numru M3266/2013 fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Ltd et vs Luke Zammit l-arbitru ddecieda illi l-incident meritu tal-imsemmi arbitragg kien responsabbli unikament Luke Zammit, kif spjegat ahjar fil-kopja tad-decizjoni hawn annessa u mmarkat Dok.‘MSI 1’ flimkien ma’ kopja tal-ispejjez arbitrali Dok.‘MSI 2’;

Illi in vista tad-decizjoni arbitrali s-Socjeta’ rikorrenti hallset is-somma ta’ elf, erba’ mija, wiehed u hamsin ewro u tlettax-il centezmu (€1,451.13c); in kwantu ghas-somma ta’ disa’ mija, tmienja u ghoxrin ewro, disgha u hamsin centezmu (€928.59c) bhala sorte, s-somma ta’ mija u seba’ ewro, sitta u erbghin centezmu (€107.46c) imghax dekorribli mit-28 ta’ Settembru, 2012 sas-7 ta’ Marzu, 2014, is-somma ta’ tlett mija u erbgha u disghin ewro u tnax–il centezmu (€394.12c) bhala spejjez tal-arbitragg u s-somma ta’ ghoxrin ewro, sitta u disghin centezmu (€20.96c) bhala taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ispejjez arbitrali lil Atlas Insurance PCC Ltd, appuntu biex jaghmlu tajjeb ghall-imsemmija decizjoni arbitrali, kif inhuma legalment marbuta illi jaghmlu;

Illi in oltre invista tal-arbitragg is-Socjeta' rikorrenti soffriet danni fis-somma ta' mija, sitta u erbghin ewro, hamsa u sebghin centezmu (€146.75c); in kwantu ghal mija, hamsa u ghoxrin ewro, disgha u sebghin centezmu (€125.79c) bhala spejjez tal-arbitragg u s-somma ta' ghoxrin ewro, sitta u disghin centezmu (€20.96c) bhala taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ispejjez arbitrali;

Illi *nonostante* diversi talbiet ghall-hlas tal-istess Socjeta' rikorrenti, l-intimat baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-Socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas l-imsemmija somma ta' elf, hames mija, sebgha u disghin ewro, tmienja u tmenin centezmu (€1,597.88c) dovuti minnu kif hawn fuq spjegat bl-imghax dekorribbli mit-8 ta' Marzu, 2014, sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal fid-19 ta' Gunju, 2015.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjeta' Laferla Insurance Agency Limited, li ddikjarat li din is-Socjeta' hija agent tas-Socjeta' assiguratrici attrici. Illi l-istess rapprezentant ikkonfermat il-kontenut tal-Avviz tat-Talba, kif ukoll l-awtenticita' tad-dokumenti li jinsabu mehmuza mal-istess Avviz, u ddikjarat illi l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici huwa u ghadu dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija, sebgha u disghin ewro, tmienja u

tmenin centezmu (€1,597.88c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------